

# KNISJA KATIDRALI GĦAWDEX

**Uffiċċju Parrokkjali 2155 4101 • fax 2156 4572 • Email: gozocath@maltanet.net • www.gozocathedral.org.mt**
Arċipriet Mons. Ġużepp Attard 9984 7099 • monsjosephattard@gmail.com • Dun Joseph Sultana 7993 5314 • Dun Joe Calleja 9944 7718

## *Nagħlqu s-sena liturġika bil-festa ta' Kristu Sultan*

***Nhar il-Ħadd li ġej il-Knisja Kattolika tagħlaq is-Sena Lituġika bis-Solennità ta' Kristu Sultan. Fil-Katidral, il-Ħadd fid-9:00am Mons. Isqof imexxi Pontifikal solenni flimkien mar-Rev.mu Kapitlu.***

***Fil-għaxija, d-Djoċesi ser torganiżża ċ-ċelebrazzjoni djoċesana annwali f'ġieħ Kristu Sultan. Il-programm ikun kif ġej:***

3:30pm Tqegħid ta' Kuruni ta' ward u korteo minn Pjazza Indipendenza għall-Kumpless Sportiv.

4:00pm Ċelebrazzjoni ta' tifħir lil Alla fil-Kumpless Sportiv: liturġija tal-Kelma, esperjenza minn koppja, messaġġ ta' l-isqof, tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija, u Benedizzjoni Ewkaristika.

**Stedina Speċjali:**

Kulħadd huwa mistieden jattendi biex nfaħħru lil Kristu li jsaltan minn fuq is-Salib għall-imħabba tagħna.

Peress li matul din is-sena d-Djoċesi qed ixxandar is-sena tal-Magħmudija, qegħdin nistiednu lil dawk il-ġenituri li għammdu lil uliedhom matul din is-sena u dawk il-familji li qegħdin jistennew tarbija fix-xhur li ġejjin.

## Tħejjija Għal Sena Liturġika Ġdida

### Nhar is-Sibt 1 ta' Diċembru
### Tħabbira tal-Avvent
### Fil-Katidral fis-6:45pm.

Nitħejjew għal dan iż-żmien tal-Avvent li sejrin nibdew il-Ħadd 2 ta' Diċembru b'katekeżi dwar it-tifsira ta' dan iż-żmien fid-dawl tas-siltiet tal-Kelma t'Alla li nisimgħu waqt il-Liturġija tal-Avvent. Nagħmlu sejħa qawwija biex jattendu dawk kollha li b'xi mod huma nvoluti fil-liturġija fosthom is-saċerdoti, letturi, animatturi u kanturi, flimkien mal-komunita parrokkjali kollha

## Laqgħa għall-ġenituri tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof

**Nhar il-Ħamis 29 ta' Novembru**
**fis-7:00pm.**
**Is-suġġett: Is-Sagramenti tal-Bidu tal-Ħajja Nisranija-Magħmudija, Konfermazzjoni, Ewkaristija.**

Nitolbu lill-ġenituri biex ma jsibu l-ebda skuża biex ma jattendux. Is-sagramenti ta' wliedhom għandhom ikunu okkażjoni biex anke huma jiġġeddu fil-fidi tagħhom.

## Mons. Arċipriet ikompli ż-żjajjar tiegħu …

F'dawn il-granet l-arċipriet qiegħed iżur il-knejjes, skejjel, ċentri tad-duttrina u l-isptarijiet. Jirringrazzja lil kulħadd għal-laqgħat sbieħ li qiegħed ikollu.
Komplu segwu il-programm tal-pussess minn ġurnata għal oħra.

**Ġiet imħejjija skeda ta' programmi għall-festi tal-pussess. Segwu Radju Katidral 90.9fm**

## Illum Jum il-Karita …

Infakkrukom biex twasslu l-envelopes bl-offerta tal-ġenerożita tagħkom b'risq id-djar tal-karita mmexxija mill-Knisja fid-djoċesi t'Għawdex.
Tistgħu twassluhom fil-ġbir waqt il-quddies jew fl-uffiċċju parrokkjali.
Il-Mulej iroddilna għal mitt darba aktar.

**Attenżjoni: Postijiet Riservati għall-anżjani għaċ-Ċelebrazzjoni Pontifikali tal-Pussess. Il-biljetti jinkisbu mill-Uffiċċju Parrokkjali.**

## Helping Hands Group

Ser iniedi The Theatre Experience - għat-tfal subien u bniet minn Yr 3 'l fuq u anke żgħażagħ. Għal aktar dettalji u applikazzjonijiet tistgħu ċċemplu 21551582 jew 79557582.

*Grazzi Ħafna*

**Carmel u Vitorja Haber** fl-okkażjoni tal-50 anniversarju miż-żwieġ tagħhom

**Il-Ġabra tal-Ħadd 18 ta' Novembru kienet ta' Lm 95.26 (€ 221.90)**

| | |
|---|---|
| **25.11.07** | **4.45am M'Jane Cordina, 5.45pm Toni Vella u Gwakkin Bugeja, 6.45 am Toni Grech, 7.45 am Dr. Michael Grech, 10.00am Carmela u Toni Bajada, 11.00am Dr. Michael Grech, 12.00pm Adrian Agius, 5.00pm Carmen Camilleri, 6.00pm Marija Attard, 7.15pm Wenzu u Mary Debrincat.** |
| **26.11.07** | **5.30 am, 6.15 am, 7.30 am, 8.00 am, għar-ruħ Karolina Bugeja, 6:00 pm Joseph u Marija Vella Muskat, 7.15pm Josephine Camilleri.** |
| **27.11.07** | **5:30am Karolina Bugeja, 6:15am Ġanġu u Tarċisja Borġ, 7:30am Karolina Bugeja, 8:00am Carmelo Borg, 6:00pm Rafel u Marija Conti, 7:15pm Louis Bonniċi.** |
| **28.11.07** | **5:30am, 6:15am, 7:30am, 8:00am, 6:00pm għar-ruħ Saver u Pawlina Micallef, 7:15pm Emanuel Borg.** |
| **29.11.07** | **Il-Quddies kollu jkun għar-ruħ Marija Vella Muskat** |
| **30.11.07** | **5.30 am Ġiġi u Lukrezja Cordina, 6.15 am, 7.30 am, 8.00 am għar-ruħ Joseph Portelli, 6.00pm M'Dolores Buttiġieġ, 7.15pm Louis Abela** |
| **31.11.07** | **5.30am Ġiġi u Lukrezja Cordina, 6.15, 7.30am, 8.00am Joseph Portelli, 6.00pm M'Dolores Buttiġieġ, 7.15pm Louis Abela** |